MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 274/2010

Kawza fil-lista: 22

**A B nee` C**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Dicembru 2003; li l-kunsens ta' wahda mill-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [c] u [f], u dak tal-konvenut, fit-termini tal-paragrafi [d] tal-artikolu 19[1] tal-kapitlu 255 tal-Ligijiet ta' Malta; li ghalhekk iz-zwieg huwa null fil-ligi; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet, kif ukoll li tigi awtorizzata tirregistra s-sentenza fir-Registru Pubbliku; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha jeccepixxi li t-talbiet ta' l-attrici ghandhom jigu michuda u dan minhabba l-fatt li z-zwieg ta' bejn il-partijiet huwa wiehed validu u m'hemmx lok ghall-annullament;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fl-4 ta' Dicembru 2003 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tad-dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Min-naha tieghu l-konvenut mhux qed jaqbel li z-zwieg huwa null.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-4 ta' Dicembru 2003 meta allura l-attrici kellha 25 sena u l-konvenut kellu 40 sena, u wara li kienu ilhom jafu lil xulxin circa xahrejn huma zzewgu. Minn dan iz-zwieg ma tweldux tfal.

L-attrici ssostni li l-konvenut kellu problemi ta' droga u kien jghix bl-ghajnuna socjali li kien jonfoq kollox fuq id-droga, minghajr ma jghaddi flus lill-attrici. Tghid ukoll li l-konvenut izzewwigha sabiex b'hekk ikun jista' jiehu l-ghajnuna socjali ta' tnejn minflok wahda u din kienet ukoll ir-raguni ghaliex qatt ma halliha tahdem halli b'hekk ma jitlifx l-ghajnuna socjali[1]. Inoltre, l-attrici tkompli tghid li l-konvenut kien ukoll vjolenti fil-konfront taghha, ma kienx izomm ruhu u kien dejjem mahmug.

[1] Fol. 20, 38.

L-istess attrici tghid li l-konvenut qatt ma ried tfal fil-fatt ma kienx issehh att konjugali komplut.

Ranier Agius li huwa llum is-sieheb tal-attrici u li huwa ufficjal tal-Pulizija kkonferma l-verzjoni tal-attrici u sostna li l-konvenut huwa maghruf mal-Pulizija bhala persuna li jabbuza mid-droga[2]. Il-konvenut ukoll jikkonferma li kien il-habs darba minhabba droga[3].

Il-konvenut issostni li l-attrici telqet ghal rasha wara z-zwieg u ngannatu peress li qatt ma ghexu flimkien, u li wara z-zwieg qatt ma raqdu taht l-istess saqaf. Inoltre, l-konvenut jghid li qatt ma kellhom relazzjonijiet intimi fiz-zwieg u li l-attrici zzewgitu sabiex tkun tista' tibqa Malta.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u taghti aktar affidament lill-attrici u l-verzjoni moghtija minnha; ghalhekk f'dan il-kaz il-Qorti tirravviza fil-konfront tal-konvenut l-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] tal-artikolu precitat, stante li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali dan kien inkapaci jghix mal-attrici, allura martu, f'unjoni bazata fuq il-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproku, il-prokreazzjoni tat-tfal u t-trobbija taghhom.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fl-4 ta' Dicembru 2003.

Spejjez a kariku tal-konvenut.

---

[2] Fol. 23.
[3] Fol. 48

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------